MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 1029/2007

**John Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' Chairman, Ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**Vs**

**Josephine Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. fejn din ippremettiet illi:

L-kawza fl-ismijiet fuq permessi (Citazzjoni Nru 737/90) giet deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar,1991, fl-istess kawza 'l-konvenuta kienet giet ikkundannata thallas lill-Maltacom p.l.c. is-somma ta' disat' elef, seba mija, sitta u tletin Liri Maltin, tmienja u tletin centezmu (LM9,736.38), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 449673, bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-Socjeta' Maltacom p.l.c. illum issuccidiet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma 'l-konvenuta ghadha ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre erba' mija, sebgha w tmenin Liri Maltin u tletin centezmu (LM487.30) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll disat' elef, seba' mija, sitta u tletin Liri Maltin, tmienja u tletin centezmu (LM9,736.38), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-25 ta' Jannar, 1991, id-data tas-sentenza, sat-13 ta' Settembru, 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' dsatax-il elf, disa' mija u sittin Liri Maltin u sitt centezmi (LM19,960.06), ekwivalenti ghall-sitta w erbghin elf, erba' mija, erbgha u disghin euro u tlieta w erbghin centezmi (€46,494.43) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha 'nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat ir-risposta tal-intimata Josephine Busuttil, fejn din eccepiet illi:

L-ammont pretiz mis-socjeta' rikorrenti mhux dovut kollu u dan stante illi parte sostanzjali ta' dan l-ammont huwa imghax fuq imghax.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 fejn il-Qorti akkordat lill-konvenuta prezenti fl-awla u assistita mid-

difensur taghha, xahar zmien biex tipprezenta l-kalkoli in sostenn tal-eccezzjoni taghha.

Rat li minkejja dan il-konvenuta naqset milli tipprezenta ebda prova u skond l-istess verbal, il-kawza kienet giet differita’ ghal-lum ghas-sentenza.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti, peress illi t-talba tar-rikorrenti giet pruvata, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta tilqa’ t-talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimata Josephine Busuttil.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------